MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 15/2020

It-Tlieta, 23 ta' Ġunju 2020

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):
Is-Sur Daniel Cordina – Kunsillier

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sur Neville Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

### 15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

15.1.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsillier is-Sur Daniel Cordina kien skużat minħabba impenji personali.

### 15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

15.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 13/2020 u tal-laqgħa b'urġenza 14/2020 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

15.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

15.2.3 Il-Viċi Sindku Dott Marlene Cini ressqet emenda tal-minuti 13.3.9 tal-laqgħa Nru. 13/2020. Kien hemm qbil mill-membri u l-minuti ġew emendati.

15.2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti 13/2020 u tal-minuti 14/2020 u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra, jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 15.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

15.3.1 Is-Sindku beda billi awgura lis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Neville Galea li għadu kemm ġie nominat bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Fontana. Il-Kunsill awguralu.

15.3.2 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba informa lil dawk preżenti li milli jidher il-Ministeru għal Għawdex aktarx mhux se jaċċettaw li jieħdu f'idejhom l-Latrini pubbliċi tax-Xwejni u dik ta' Taħt ix-Xifer. Hu tenna l-Kunsill għandu jirċievi bil-miktub id-deċiżjoni tal-Ministeru, u jekk ma jaċċettawx tinħareġ sejħa (tender). Kien hemm qbil li l-Kunsill jistenna r-risposta bil-miktub, u jekk il-Ministeru ma' jaċċettax, jinħareġ tender.

15.3.3 Fuq il-Festa tar-raħal, is-Sindku tenna li ħadd għadu ma jaf kif se jiżvolġu l-affarijiet. Hu enfasizza li jekk ser isiru xi attivitajiet fil-festa, dawn għandhom isiru bil-kollaborazzjoni ma' l-għaqdiet tal-Parroċċa. Is-Sindku tenna li l-Kunsill irid jara l-programm tal-Parroċċa u jimxi minn hemm.

15.3.4 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill ġie mitlub li joħroġ *Call for Applications* biex is-sitwazzjoni tas-Sinjorina Liliana Borg tiġi kif suppost, u hekk tinżamm ukoll is-Sinjura Micheline Cutajar li se tkun qed taħdem minn Marsalforn. Hu fakkar li l-Kunsill kien qabel unanimament biex jinżammu kemm is-Sinjorina Liliana Borg u kemm is-Sinjura Micheline Cutajar. Kien hemm qbil bejn dawk preżenti li tinħareġ din il-*call*.

15.3.5 Il-Ministeru għal Għawdex talab lil Kunsill biex jinxtraw xi *dogbins* biex jiġu nstallati ġewwa Marsalforn. Is-Sindku staqsa min se jnaddafhom. Is-Sinjura Sandra Grech qalet li jrid ikun hemm xi ħadd li jnaddafhom kuljum. Is-Sindku ssuġġerixxa nistaqsu lil Ministeru għal Għawdex jekk humiex se jnaddfuhom jew le. Kien hemm qbil.

15.3.6 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba informa lil dawk preżenti li l-Kunsill irċieva Ittra mid-Dipartiment, li l-Kunsill se jersaq quddiem il-Bord ta' Governanza Tajba rigward l-ilment ta' żamma ta' ilma quddiem ir-residenza Opal, Triq il-Ponta, Żebbuġ. Ingħaddiet kopja ta' din l-ittra lil dawk preżenti. Is-Sindku tenna li tkellem mad-Direttur personalment fuq dan il-każ. Nistennew lil dan il-bord jibgħat għall-Kunsill u nimxu minn hemm. Is-Sindku Saliba saħaq li f'dan il-każ hu se jersaq b'Avukat imqabbad minnu personali, u talab lill-Kunsill ikollu avukat għalih.

15.3.7 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill irċieva komunikazzjoni dwar appell fuq applikazzjoni ta' bini ta' razzett tan-ngħaġ f'Ta' Srul, iż-Żebbuġ (PA 3117/19 & App 213/20). Hu qal li rċieva din il-komunkazzjoni biex jattendi għal din is-seduta. Kien hemm qbil li ninfurmaw lil Perit tal-Kunsill biex jattendu u jara x'deċiżjoni se tittieħed, u skond id-deċiżjoni li jieħu l-bord, l-Kunsill joqgħod għaliha.

## 15.4 Rapport Annwali Amministrattiv 2019

15.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2019. Dan ir-rapport ġie ċċirkulat waqt il-laqgħa. Bi qbil unanimu, il-Kunsill approva r-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2019 hekk kif preżentat u ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 15.5 Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur: Jannar – Marzu 2020

15.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li r-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur: Jannar – Marzu 2020 ma tlaħħaqx ikun lest mill-Accountant tal-Kunsill sa din il-laqgħa, minħabba mewt fil-familja fl-aħħar ġranet. Dan se jiġi mressaq fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill ta l-kondoljanzi lis-Sur Daniel Galea u lill-familja. Is-Sindku xtaq jagħti ukoll l-kondoljanzi lill-familjari ta' Karmenu Camilleri li miet dan l-aħħar, u li kien jaħdem mal-Kunsill xi snin ilu.

## 15.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

15.6.1 Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini ressqet dawn il-punti:

- Talbet biex jintbagħat *reminder* lil Beaches Section fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, sabiex isir ix-xogħol neċessarju fil-bajjiet mill-aktar fiss possibli issa la beda s-Sajf. Kien hemm qbil min dawk preżenti li jintbagħat *reminder*.
- Issuġġeriet li jsir żbir tas-siġar tal-bruk fil-Bajja tax-Xwejni, int u nieżel minn Triq Għajn Mhelhel. Kien hemm qbil li nqabbdu lis-Sur Anthony Borg biex jiżbor.
- Issuġġeriet li ssir talba lil Transport Malta biex it-triq ta' ħdejn il-garaxxijiet tingħalaq b'tali mod li l-vetturi ma' jkollhomx aċċess mir-rampa l-isfel u ma jgħaddux għal ħdejn l-Għar ta' Santa Marija. Insistiet li l-vetturi qed ikunu ta' periklu għall-għawwiema, speċjalment għat-tfal li jkunu qed jilgħabu fuq iċ-ċagħak. Is-Sindku wieġeb biex noqgħodu attenti li ma nagħlqux l-aċċess għas-sidien tad-dgħajjes. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li l-Kunsill jibgħat għall-parir mingħand Transport Malta.

- Issuġġeriet li jsir sul fuq il-madum fil-Latrina ta' Taħt ix-Xifer, biex l-ilma ma' jibqax nieżel għal ġol baħar. Kien hemm qbil biex isir dan is-sul b'madum ta' kulur differenti.
- Talbet biex jintbagħat *reminder* lill-Perit biex jittranġa l-permess. Hemm bżonn li jibda x-xogħol mill-aktar fis possibli. Talbet li mqar issir kisja ċement minħabba li qed ikun hemm ħafna trabijiet meta jkun ir-riħ. Kien hemm qbil li jintbagħat *reminder* lil Perit.
- Issuġġeriet li Triq il-Wied, Marsalforn, tingħalaq f'ċertu ħinijiet, speċjalment fil-*weekends* u fil-*public holidays*. Is-Sur Baskal Saliba staqsa kien hemm tabelli *Farmers Only* u m'għadhomx hemm. Hu kompla billi qal li ma jarax x'inhi r-raġuni għalfejn tgħaddi minn hemm bil-karozza, jekk ma tkunx xi bidwi. Is-Sindku wieġeb biex nibagħtu suġġeriment lil Transport Malta għall-aħjar soluzzjoni. Kien hemm qbil.
- Talbet biex isir xi *patching* ta' żewġ ħofriet fi Triq Għajn Mhelhel. Kien hemm qbil minn dawk preżenti fuq dan.
- Talbet biex isir qtugħ ta' ħaxix ħażin madwar il-lokalita'. Is-Sindku tenna biex ngħidu lill-ħaddiema tal-Kunsill. Kien hemm qbil. Hu informa wkoll lil dawk preżenti li ser issir laqgħa mas-Sur Victor Xerri u s-Sur Kenneth Cutajar, speċjalment fuq l-artiklu li deher fuq il-medja fuq dawn il-ħaddiema ta' din l-iskema. Hu kompla li mhux sew li dejjem ilaqqata l-Kunsill.
- Talbet biex isiru metru *double yellow lines* fil-ġnub ta' garaxx abjad, fi Triq Manwel Magro, Marsalforn. Kien hemm qbil biex tintbagħat talba lil Transport Malta.
- Talbet għall-aġġornament fuq il-kwistjoni ta' l-għawn tal-klieb f'Taħt ix-Xifer. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill bagħat it-talba lil Ministeru għall-Biedja, Sajd u Drittijiet ta' l-Annimali. Hu informa wkoll li ċemplulu li fix-Xwejni kien hemm nies bil-klieb. Hu avża lill-Pulizija, u dawn in-nies malli raw il-Pulizija ġejjin, telqu. Is-Sinjura Sandra Grech staqsiet min irid jieħu deċiżjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill infurmat li d-deċiżjoni trid tittieħed bejn il-Ministeru għall-Biedja, Sajd u Drittijiet ta' l-Annimali flimkien mal-Ministeru tas-Saħħa.
- Talbet aġġornament fuq it-Tender for the Restoration of Rubble Walls at Triq is-Sagħtrija. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li bagħat it-talba tal-Kunsill lil *Managing Authority* u għadna nistennew risposta mingħandhom. Is-Sindku wieġeb biex

nerġgħu nibgħatu reminder. Kien hemm qbil.

- Talbet aġġornament fuq it-talba ta' mergħa ġdida fi Triq Wied l-Infern. Is-Sindku wieġeb biex nerġgħu nibgħatu *reminder* lil Transport Malta.
- Ipproponiet li bħala korsijiet tas-Sajf, il-Kunsill jinkludi kors tal-*First Aid, Beauty and Care, Computer,* u *Crafts*. Is-Sindku wieġeb li dawn ideat tajbin. Hu ssuġġerixxa kors tat-tisjir. Is-Sinjura Sandra Grech issuġġeriet jekk jistax isir kors tal-*cake decoration.* Is-Sur Baskal Saliba ssuġġerixxa *Health & Safety.* Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk l-għalliema humiex lesti li jagħmluhom *online*. Kien hemm qbil biex il-Kunsill jiċċekkja ma' l-għalliema jistgħux isiru *online*.

15.6.2 Fuq talba tas-Sur Daniel Cordina tressqu dawn il-punti:

- Informa li rċieva talba biex issir kaxxa għall-*disabled parking* għas-Sinjura T. Tabone, fi Triq l-Isqof Pace ġewwa Marsalforn. Ġa kien hemm waħda imma tneħħiet. Kien hemm qbil minn dawk preżenti biex tintbagħat it-talba lil Transport Malta.
- Talab biex nibgħatu talba lil Transport Malta biex isiru l-*parking spaces* fi Triq Għar Qawqla. Kien hem qbil.

15.6.3 Il-Kunsilliera s-Sinjura Sandra Grech ressqet dawn il-punti:

- Issuġġeriet biex il-Latrina ta' Taħt ix-Xifer titnaddaf ta' sikwit. Is-Sindku wieġeb biex nibagħtu lill-ħaddiema naddfuha.
- Tenniet li daħlilha ilment li qed jidħlu l-karozzi jipparkjaw ħdejn il-*pitch* tal-boċċi. Is-Sindku wieġeb li għandhom dritt jidħlu u jipparkjaw. Ma kienx hem qbil.
- Infurmat li fadal xi slielem li għadhom ma tniżżlux. Is-Sindku wieġeb biex nerġgħu nibgħat *reminder* u fadal xi wieħed ħdejn il-paletta u ieħor ta' ħdejn il-breakwater. Kien hemm qbil
- Talbet biex jittranġaw dawk il-listi ta' l-injam għax perikoluż. Kien hemm qbil li nibgħatu *reminder* lil Ministeru għal Għawdex.
- Talbet biex nibagħtu *reminder* lil Ministeru għal Għawdex biex jerġgħu jduru l-bankijiet ta' ħdejn l-Otters u l-breakwater. Kien hemm qbil.
- Talbet biex jiġu nstallati *cigarette bins* u *rubbish bins.* Il-Viċi Sindku Dott. Cini staqsiet min se jnaddafhom. Is-Sindku tenna biex nagħmlu talba lid-Dipartiment ta' Eko Għawdex. Kien

hemm qbil.

- Issuġġeriet biex jitwaħħlu tabelli *Slippery* għax jiżloq ħafna u *No Diving* ħdejn il-*pitch* ta' l-Otters. Is-Sindku ssuġġerixxa biex nitkellmu mas-Sezzjoni tal-Beaches biex jitneħħa l-periklu.
- Talbet biex jitneħħa l-periklu ta' ħadid mkisser fil-blat ħdejn l-*Otters.* Kien hemm qbil li nibgħatu talba lis-Sezzjoni tal-Beaches.
- Talbet tistax titneħħa ġebla tal-konkos perikoluża fl-istess żona. Kien hemm qbil biex tintbagħat talba lis-Sezzjoni tal-Beaches.
- Infurmat li l-kumitat ta' l-Otters talab biex isir passaġġ ta' l-injam wara r-Restaurant ta' l-*Otters.* Is-Sindku ssuġġerixxa li nieħdu parir mingħand il-Perit tal-Kunsill. Kien hemm qbil.
- Infurmat li hemm ħafna dlam fil-promenade tal-Qbajjar. Is-Sindku talab li nirrapurtaw lil kuntrattur. Is-Sindku nforma lil l-Kunsill għandu jirċievi stima tax-xogħlijiet minħabba li l-funtana tal-promenade qed tagħmel l-ilma. Kien hemm qbil.
- Irrapurtat li hemm fanal ħdejn il-Kartell Restaurant mhux jixgħel. Is-Sindku talab li nirrapurtawh lil kuntrattur. Kien hemm qbil.
- Staqsiet jekk il-Kunsill jistax jitwaħħal xi *floodlight* ħdejn il-Murella B&B għax hemm ħafna dlam. Is-Sindku wieġeb niċċekjaw jekk hemm xi bozza maħruqa għax se nispiċċa nwaħħlu *floodlights* kullimkien. Kien hemm qbil.
- Reġgħet fakkret li fil-Wied ta' Marsalforn hemm ir-*railing* ta' l-injam nkisser. Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu *reminder* lil Ministeru għal Għawdex.
- Fakkret biex jinqata' l-ħaxix ħażin li hemm ġewwa Marsalforn. Is-Sindku wieġeb li nibgħatu lil ħaddiema u tintbagħat talba lil Ministeru għal Għawdex.
- Fakkret f'hiex wasslet it-talba għal *parking spaces* ġewwa Għar Qawqla. Is-Sindku wieġeb li qed nistennew mingħand il-Perit tal-Kunsill.
- Issuġġeriet jistgħux jitwaħħlu xi bankijiet żgħar, anke bla dahar taħt il-Monument fi Triq il-Port, Marsalforn. Kien hemm qbil li nibgħatu talba lil Ministeru għal Għawdex.
- Fuq Marsalforn, is-Sindku s-Sur Nicky Saliba informa li rċieva ilment mingħand is-Sur N. Zammit biex jittranġa xi konkons li hemm ħdejn il-Horizon Restaurant għax inqala. Kien hemm qbil biex il-Kunsill jibgħat ħaddiem jara x'hemm.

15.6.4 Il-Kunsillier is-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:

- Informa lil dawk preżenti li fejn qed isiru x-xogħlijiet fil-Menqa hemm xi pjanċi jħabbtu, x'ħin jgħaddu l-karozzi. Is-Sindku wieġeb biex inkellmu lil kuntrattur. Kien hemm qbil.
- Issuġġerixxa li biex tissolva l-problema ta' l-iskart speċjalment ġewwa Marslforn, il-Kunsill iqabbad *warden* pajżan u ħaddiem miegħu għal aktar infurzar fuq il-ħruġ ta' l-iskart. Is-Sindku wieġeb li importanti li nitkellmu mar-Reġjun qabel. Is-Sindku tenna li ġewwa Marsalforn hemm problema tan-nies, u jekk ma jsirx infurzar, kollox jibqa' għaddej. Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini tenniet li sa issa s-sistemi ta' CCTV li ġew installati ħdejn il-bring in sites qed jaħdmu għax mhux ikun hemm ħafna skart.
- Informa li hemm bżonn xi *patching* fi Triq il-Knisja, iż-Żebbuġ, ħdejn il-kantuniera ta' l-Arċipriet. Kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat lil ħaddiema.
- Talab aġġornament fuq it-talba li kien għamel għal *shower* ħdejn l-Otters. Is-Sindku talab li terġa jintbagħat *reminder*. Kien hemm qbil.
- Informa li fi Triq is-Salini meta tagħmel ix-xita fix-xitwa qed iżżomm l-ilma. Is-Sindku nforma li dik it-triq baqalha t-tieni kisja li trid issir mill-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku ssuġġerixxa biex nkellmu lil Perit tal-Kunsill fuqha. Kien hemm qbil.
- Informa lil dawk preżenti li Triq Frank Debono qed tkun mudlama. Is-Sindku wieġeb biex inkellmu lil Inġinier tad-dawl. Kien hemm qbil.
- Informa sid ta' flat li għandu *camera* fi Triq Dun Karm Cachia offra l-għajnuna tiegħu minħabbba l-problema ta' l-iskart. Il-Viċi Sindku qalet jekk jirraporta xi ħadd, jista' jgħinna. Kien hemm qbil li jintbagħtu aktar dettalji.
- Issuġġerixxa biex jitwaħħlu tabelli li jindikaw is-*Salt Pans*. Hu ssuġġerixxa titwaħħal waħda ħdejn il-Bajja tal-Qbajjar, waħda malli tinżel ir-Rabat u oħra fil-Pjazza taż-Żebbuġ. Kien hemm qbil.
- Informa li ħdejn l-uffiċċju ta' l-FSWS, fi Triq Barda, Marsalforn qed ikun hemm ħafna nies bi problemi soċjali u ġieli qed jaqilgħu l-ġlied. Issuġġerixxa tistax issir talba għal xi *security*. Is-Sindku wieġeb li l-FSWS irridu jagħmlu din it-tip ta' talba.
- Informa li hemm xi bankina biex tittranġa ħdejn *Jessica's*

*Delights* fi Triq il-Wied, Marsalforn. Is-Sindku wieġeb biex l-Kunsill jingħata aktar dettalji, biex filkas titniżżel fil-lista ta' bankini li jridu jsiru.

15.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

15.7.1 Korrispondenza mingħand is-Sur C. Bezzina, dwar offerta għall-bejgħ tal-Ktieb *Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex 1940 – 1943* ta' Frank u Charles Bezzina. Kien hemm qbil bejn dawk preżenti li jinxtraw tlett kotba għal-librerija.

15.7.2 Korrispondenza mingħand is-Sur M. Camilleri fuq talba lill-Kunsill biex jiġi nstallat arblu bi *floodlights* u biex isir ikkonnettjar ta' CCTV mas-sistema tad-dawl. Il-Kunsill qabel li jiġi nstallat l-arblu tal-floodlights imma mhux is-sistema tas-CCTVs. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill biex installa ż-żewġ sistemi tiegħi kellu japplika għal żewġ *metres* tad-dawl.

15.7.3 Korrispondenza mingħand is-Sa. M Saliba dwar forom ta' *rubbish bins* biex jitqegħdu matul il-kosta. Is-Sur Baskal Saliba wieġeb min se jnaddafhom? Il-Viċi Sindku tenniet li dawn biex isiru jrid ikun hemm il-permessi meħtieġa. Is-Sindku tenna ukoll li rridu noqgħodu attenti għall-finanzi tal-Kunsill. Ma kienx hemm qbil bejn dawk preżenti li jsiru.

15.7.4 Korrispondenza mingħand il-PA dwar appell fuq applikazzjoni ta' bini ta' razzett tan-ngħaġ fi Ta' Srul, iż-Żebbuġ (PA 3117/19 & App 213/20). Hu qal li rċieva din il-komunkazzjoni biex jattendi għal din is-seduta. Kien hemm qbil li ninfurmaw lil Perit tal-Kunsill biex jattendu u jara x'deċiżjoni se tittieħed, u skond id-deċiżjoni li jieħu l-bord, l-Kunsill joqgħod għaliha.

15.7.5 Korrispondenza mingħand Is-Sa. A Zerafa obo GAGF dwar GAGF GAG2. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.7.6 Korrispondenza mingħand is-Sa. M. Sammut mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali dwar *Malta Intellectual Property Awards 2020.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.7.7 Korrispondenza mingħand is-Sur J. Sultana mid-Dipartiment tal-Kultura dwar Id-Direttorat għall-Wirt Kulturali – Stedina / Cultural

Heritage Directorate - Invitation. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.7.8 Ċirkulari AKL 2020/060 – Dokument proġett *Slow Streets* u laqgħat mal-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali rispettivi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.7.9 Ċirkulari AKL 2020/061 – EUCF 1st National Webinar – Webinar Link u Preżentazzjoni. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.7.10 Ċirkulari AKL 2020/050 – *Important notice regarding submission of Health Claims.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.7.11 Korrispondenza mingħand Is-Sa. S. Attard Portughese dwar *Week 02 – Site Classification Report.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.7.12 Korrispondenza mill-Aġenzija Sapport dwar *Webinar 7: Values, rules, rewards and setting up for success.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.7.13 Ċirkulari AKL 2020/059 – *Active Ageing and Community Care Application*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.7.14 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bis-suġġett *ATTN: Open Call for Proposals for Capitalisation Projects under the ENI CBC Med Programme 2014-2020 – Presentations of the Call.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.7.15 Ċirkulari AKL 2020/065 – Proġett Wifi4EU. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.7.16 Korrispondenza mill-MEUSAC – *Keeping you informed: The EU tackling COVID-19 – Issue 8.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.7.17 Ċirkulari AKL 2020/066 – Spazju fil-Kunsilli Lokali offrut għall-istudenti tal-Liġi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.7.18 Ċirkulari AKL 2020/067 – Hu sehem fl-istħarriġ qasir dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq ir-reġjuni u l-bliet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.7.19 Ċirkulari AKL 2020/068 – *9 June @10am! Webinar on the European Semester's 2020 Country-Specific Recommendations for Malta.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.7.20 Ċirkulari AKL 2020/069 – *#EUSEW2020: Registration is now open!* Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.7.21 Korrispondenza mingħand is-Sur G Zammit mill-*Arts Council Malta* bis-suġġett *The President's Award for Creativity Fund Info Session.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.7.22 Korrispondenza mingħand Is-Sa. C. Pace mid-*Department for Health Regulation* bis-suġġett *Week 03 – Bathing Water Site Classification Report.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.7.23 Korrispondenza mill-NCPE bis-suġġett NCPE Newsletter – Issue 12. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.7.24 Korripondenza mir-Reġjun Għawdex bis-suġġett *Survey for thesis – Selected Effects on the island of Gozo of the projected permanent road link between Malta and Gozo.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.7.25 Direttiva DLG 03/2020 – Revoka ta' Direttiva 2/2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.7.26 Korrispondenza mingħand Is-Sna. A. Cini obo *Youth Comittee of the Soċjeta' Filarmonika Santa Marija.* Is-Sindku wieġeb li qabel ma tittieħed xi deċiżjoni jixtieq jara f'hiex se jkun jikkonsisti l-programm tal-festa u bħalma tieħu għaqda, tieħu għaqda oħra. Hu tenna li l-Kunsill jirrappreżenta ir-raħal kollu u ma jistax jiddeċiedi fuq attivita' waħda. Is-Sur Baskal Saliba wieġeb li l-Kunsill m'għandux jopponi. Is-Sindku wieġeb li jew tingħata għajnuna lil kulħadd jew lil ħadd, u kull attivita' trid tkun b'kollaborazzjoni ma' l-għaqdiet. Il-Viċi Sindku Dott Marlene Cini tennet li s-sena li għaddiet inħatar kumitat tal-festa, li kollox irid jgħaddi minnhu. Is-Sur Baskal Saliba tenna li fis-sitwazzjoni li qegħdin fiha naraw l-Kunsill x'jista' jagħmel. Is-Sindku reġa' tenna importanti li jkollu l-programm tal-festa f'idejh.

15.7.27 Korrispondenza mingħand Is-S. A. Attard rigward *The Child Participation Assessment Tool – Sharing of the findings.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.7.28 Ċirkulari AKL 2020/071 – *LCA Summer BBQ 24/07/2020.* Il-Kunsill

innota l-kontenut.

15.7.29 Korrispondenza mingħand Id-Direttur Is-Sur C. Galea mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bis-suġġett Xogħol ta' tiswijiet fi Triq il-Ponta, iż-Żebbuġ G. Il-Kunsill innota l-kontenut. Din il-materja ġa ġiet diskussa aktar il quddiem fil-laqgħa.

15.7.30 Ċirkulari AKL 2020/072 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru. 33 u Nru. 34. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.7.31 Ċirkulari AKL 2020/074 – Servizzi lil Anzjani mill-Kunsilli Lokali – Ċentru Servizz Anzjani. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.7.32 Korrispondenza mingħand Is-Sur F. Galea dwar *Training for Local Councils on Advocacy to promote Social Inclusion in the local context.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.7.33 Rapport tal-Perit rigward ħsarat f'*boathouse* fil-Bajja Tax-Xwejni. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li wara x-xogħlijiet li saru biex tneħħa l-periklu tal-ġebel, ġiet sid ta' *boathouse* li rrapurtat li waqt ix-xogħlijiet waqgħet xi ġebla u għamlet ħsara lis-saqaf tal-*boathouse* tagħha. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għarraf mill-ewwel lil Perit tal-Kunsill biex imur fuq il-post u jħejji rapport. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li skond il-konklużjoni tar-rapport tal-Perit, il-bejt irid jinbidel. Fir-rapport hu tenna li l-ħsara ilha ġejja tul is-snin minn ġebel li ilu jaqa' u anke mill-azzjoni ta' l-ilma baħar. Il-Perit ikkonkluda li l-Kunsill għandu jibgħat talba lil Ministeru għal Għawdex. Kien hemm qbil li tintbagħat talba lil Ministeru għal Għawdex.

15.7.34 Korrispondenza mingħand l-Għaqda Armar Santa Marija, dwar stima ta' xogħlijiet ta' għall-għoxrin toqba għall-arbli tat-tiżjin tal-festa għal Triq Ta' Żaqi, Triq l-Għażżiela u l-pjazzetta ta' wara l-Każin tal-Banda. Is-Sindku wieġeb dwar din it-talba bħal ta' qabel, nistennew il-programm tal-festa u nimxu minn hemm. Hekk jew hekk suppost mhux ser isir armar.

15.7.35 Applikazzjonijiet għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Abraham Said obo Abrahams – Attività Soċjali fis-Salt Pans, Xwejni – 8 ta' Awwissu 2020;

- Victor Refalo – *Ekxa Kiosk – Social Events* –
  3, 4, 10, 11, 17, 18, 24, 25, 31 ta' Lulju 2020;
  1, 7, 8, 14, 21, 22, 28, 29 ta' Awwissu 2020;
  4, 5, 11, 12, 18, 19, 25, 26 ta' Settembru 2020.
- Gary Doyle obo Glass Box Bar - *Band* –
  1, 5, 8, 12, 15, 19, 22, 26, 29 ta' Lulju 2020;
  2, 5, 9, 12, 16, 19, 26, 30 ta' Awwissu 2020;
  2, 6, 9, 13, 16, 20, 23, 27, 30 ta' Settembru 2020;
  4, 7, 11, 14, 18, 21, 25, 28 ta' Ottubru 2020.
- Diane Mizzi obo Cultural Heritage Directorate – Marsalforn Mondays, Marsalforn –
  6, 13, 22, 27 ta' Lulju 2020;
  3, 10, 17, 24, 31 ta' Awwissu 2020;
  7, 14 ta' Settembru 2020.

Il-Kunsill qabel li la darba ġew rilaxxati kważi r-restrizzjonijiet kollha mill-Awtoritajiet konċernati, il-Kunsill qabel li joħroġ dawn permessi sakemm jiġu rispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u ta' l-awtoritajiet konċernati u li l-Pulizija ma' jsibu l-ebda oġġezzjoni. Il-Viċi Sindku qalet ikun għaqli li niċċekjaw irridux xi permessi mid-Dipartiment tas-Saħħa. Is-Sindku tenna li fuq il-permess ta' *Vini e Capricci*, importanti li jkellem lis-sidien qabel. Fuq il-permessi l-oħrajn, kien hemm qbil li importanti li jiġu jħallsu l-permess xahar b'xahar u li jinżamm is-*sound* baxx.

15.7.36 Ilment Nru. 35/2020 – C. Borg obo Maria Stella Borg
Qed jitlob biex isir *reserved parking bay* man-naħħa tar-residenza tiegħu fi Triq Skapuċċina, bejn il-bieb u t-tieqa. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ġa ħa deċiżjoni fuq din it-triq fl-aħħar laqgħa. Hu kompla billi qal li fuq dik it-triq hu jastjeni; il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini tenniet li tastjeni ukoll. Is-Sinjura Sandra Grech u s-Sur Baskal Saliba astjenew ukoll.

15.7.37 Ilment Nru. 36/2020 – A. Birch
Qed jitlob biex isiru *sleeping policemen / road bumps* fit-Triq il-Wied, Marsalforn (ħdejn Jessica' Delights). Is-Sinjura Sandra Grech tenniet li din il-persuna nfurmatha li qed isuqu ħafna f'dik il-parti tat-triq. Is-Sindku staqsa quddiem min se nagħmlu dawn ir-*road bumps*. Kien hemm qbil biex tintbagħat email lil Transport Malta għal parir jew

suġġeriment tagħhom.

15.7.38 Ilment Nru. 37/2020 – N. Mercieca
Qed jitlob sabiex titneħħa dgħajsa li hemm fi Triq is-Salini, Marsalforn; kif ukoll sabiex isiru *double yellow lines* faċċata tal-garaxx tiegħu peress li bil-karozzi pparkjati, ma' jkunx jista' jdaħħal il-gabbana tiegħu ġol-garaxx. Kien hemm qbil biex tintbagħat email lil Transport Malta u għal parir jew suġġeriment. Fuq l-ilment tad-dgħajsa, niċċekjaw għadhiex hemm, filkas navżaw lil Pulizijia.

15.7.39 Ilment Nru. 38/2020 – Otters FC
Qed jitolbu biex isirilhom arblu ieħor tad-dawl ħalli jkun possibli li jsiru *tournaments* tal-*waterpolo* tard matul il-lejl. Kien hemm qbil.

15.7.40 Ilment Nru. 39/2020 – W. Camilleri
Qed jilmenta rigward il-blat li hemm li qed jinqasam fi Triq is-Sajjied, faċċata ta' l-Appartamenti ta' *Baron Group*. Is-Sindku ssuġġerixxa biex il-Kunsill jiċċekja mal-Perit tal-Kunsill, hux privat jew le.

15.7.41 Ilment Nru. 40/2020 – P. Vella
Qed jilmenta li fi Triq il-Knisja, iż-Żebbuġ qed jgħaddu ħafna karozzi b'veloċita' kbira. Is-Sindku wieġeb biex navżaw lil Pulizija għal aktar infurzar, imma qabel xejn l-għassa tar-raħal trid tkun miftuħa. Is-Sindku ssuġġerixxa ukoll biex nibgħatu talba lil Ministeru għal Għawdex biex isir *refreshing* tas-sinjali fi triq prinċipali li tagħti għaż-Żebbuġ.

15.7.42 Ilment Nru. 41/2020 – J. Hili
Qed jilmenta li r-residenti qed jitfgħu skart quddiem blokka mhux mibnija u b'hekk qed jinġabru l-ġrieden fi Triq Frank Debono, Marsalforn. Qed jilmenta li qed isir ipparkjar bl-addoċċ u b'hekk ma jkunx jista' juża l-garaxx tiegħu. Is-Sindku wieġeb li hemm bżonn aktar infurzar madwar Marsalforn kollu. Hu saħaq li fil-laqgħa tar-Reġjun reġa' enfasizza għal aktar infurzar. Kien hemm qbil minn dawk preżenti biex nibagħatu talba lil Transport Malta u lil Pulizija.

15.7.43 Ilment Nru. 42/2020 – G. Scicluna
Qed jitlob biex isir *patching* bit-tarmac fil-viċinanza tar-residenza tiegħu fi Triq Skapuċċina, iż-Żebbuġ, Għawdex. Is-Sindku wieġeb li ma tistax tingħata dik il-biċċa art bit-*tarmac* jekk din il-binja għadha ma

saritx u mhux sew li tittieħed biċċa mill-għalqa. Hu kompla biex qal li għad hawn toroq li għadhom hekk.

15.7.44 Ilment Nru. 43/2020 – M. Grima
Qed jitlob biex isir xi ħaġa biex tissolva l-problema li hemm fi Triq il-Wied għax qed jgħaddu ħafna karozzi bl-addoċċ. Kien hemm qbil biex tintbagħat talba lil Transport Malta għal suġġeriment.

15.7.45 Ilment Nru. 44/2020 – J. Refalo
Jitlob biex jingħata kumpens mill-Kunsill minħabba danni li sofra fi Triq il-Qbajjar. Is-Sinjura Sandra Grech tenniet li kulħadd qed ibgħati f'din it-triq. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien ġa *fair* ma' din il-persuna darba. Ma kienx hemm qbil minn dawk preżenti biex jingħata dan il-kumpens billi ġa kien ingħata kumpens darba oħra.

15.7.46 Ilment Nru: 45/2020 – S. Ciliberti
Qed jitlob biex jitwaħħal *floodlight* ieħor fi Triq il-Port, kif indikat fil-pjanta annessa. Is-Sindku wieġeb li hemm suppost ġej festun tad-dawl mill-Ministeru. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

15.7.47 Ilment Nru: 46/2020 – L. Portelli
Qed jitlob biex tittranġa bankina quddiem 72, Triq Għajn Mhelhel, Iż-Żebbuġ, Għawdex. Il-Viċi Sindku staqsiet meta l-kuntrattur jista' jibda x-xogħol fuq il-bankini għax hawn ħafna tgergir. Is-Sindku wieġeb li jkun għaqli li l-ewwel titlesta' x-xogħol fuq pavimentar ta' Triq Santa Marija, Marsalforn u x-xogħol ta' pavimentar tal-*playingfield* fiż-Żebbuġ. Is-Sindku fakkar li fadal ukoll kontijiet pendenti ta' bankini. Kien hemm qbil li titniżżel mal-lista ta' bankini pendenti li jridu jsiru mit-tender tal-bankini.

15.7.48 Ilment Nru: 47/2020 – F. Grima
Qed tilmenta li hemm it-tiġieg jiġru fi Triq is-Sajjied. Qed jitlob biex il-Kunsill jipprovdi lasti lir-residenti biex idendlu l-boroż ta' l-iskart magħhom. Is-Sindku wieġeb biex nerġgħu nibgħatu *reminder* lil Animal Welfare ħabba l-problema tat-tiġieġ. Ma kienx hemm qbil minn dawk preżenti fuq l-ilment tal-lasti għall-iskart.

15.7.49 Ilment Nru: 48/2020 - Brian Azzopardi obo Atlantis Diving Centre; George Vella obo Calypso Diving; & Patrick Bugeja obo Gozo Acqua Sports

Preżenti għal din il-laqgħa, kien hemm tlett rappreżentanti ta' tlett kumpaniji tad-diving. Is-Sur B. Azzopardi tenna li ġie avviċinat fil-bidu ta' Novembru minn żewġ persuni, it-tifla ta' Antonia u persuna oħra u nfurmawh li minn din is-sena se jibdew iħallsu għax hemm privat. Hu tenna li lanqas biex kien jaf li hemm privat u qed jitolbu €50 kull trakk li jidħol hemm. Stqarr li hemmhekk hemm uħud mill-aqwa diving sites ġewwa Għawdex. Hu kompla billi qal li din il-problema mhux għalihom biss imma anki għas-sajjieda. Hu staqsa din privata jew le? U jekk privata x'aċċess hemm? U xi drittijiet għandhom? Is-Sur Nicky Saliba wieġeb li bħala Sindku talab lis-sidien biex iġibu l-kuntratti tagħhom il-Kunsill, biex jarahom l-Avukat tal-Kunsill. Hu kompla billi qal li sa dalgħodu reġa kkuntattjhom u wieġbuh li n-Nutar Pisani ma setax jagħmel il-kuntratti minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19, imma qalulu li lesti li sa laqgħa oħra jġibu l-kuntratti u l-pjanti meħtieġa. Is-Sindku kompla billi qal li huma qegħdin jgħidu li hemm aċċess ta' madwar għaxar piedi mis-sies il-ġewwa. Is-Sur G. Vella wieġeb li l-liġi tgħid li mil-lanqas irid ikun hemm ħames metri, u biex tasal għal dawn il-ħames metri jrid ikun hemm aċċess. Is-Sindku tenna li żmien ilu, meta kien inqala argument u ngħalaq iċ-ċint, bħala Kunsill kien oġġezzjona. Kien qed igħidu li privat u nbena dak iċ-ċint mill-Ministeru għal Għawdex. Hu qal li minn informazzjoni li għandu hemm ukoll salini ta' nies miż-Żebbuġ u mix-Xagħra. Hu kompla billi qal li dawn in-nies qed igħidu li għandhom sa' Wied il-Għasri. Is-Sindku qal li minn informazzjoni li għandu dawn in-nies qasmu bejniethom u anke inbegħtet xi biċċa lil terzi persuni u li anke hemm applikazzjoni l-PA, li l-Kunsill hu nfurmat biha ukoll. Hu reġa tenna li l-Kunsill għad m'għandu aċċess għall ebda kunratt. Hu kompla billi qal li daħlu applikazzjonijiet ta' events għal hemm u għidnilhom biex jitkellmu mas-sidien. Is-Sur Azzopardi reġa tenna li dawn in-nies qed igħidu li tagħhom hu, minn dak il-bebbuxu li hemm imnaqqax fil-blat, fejn hemm dak l-għar żgħir sa Wied il-Għasri. Is-Sur G. Vella staqsa x'se jiġri f'dan il-waqt? Għax il-ġimgħa d-dieħla se jibda t-turiżmu. Is-Sur Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jibgħat għas-sidien ta' hemm hekk, issir laqgħa b'urġenza magħhom bil-pjanti u kuntratti flimkien ma' l-Avukat tal-Kunsill Dr Mario Scerri. Is-Sur G Vella tenna li skond il-liġi ta' l-2016, ħames metri madwar il-kosta tal-gżejjer Maltin huwa aċċessibli għall-pubbliku. Hu tenna li din l-issue telgħet sa' l-OPM. Is-Sinjura Sandra Grech stqarret li għadha affaxxinata li f'daqqa waħda dawn qalu li huma tagħhom. Is-Sur Azzopardi tenna li t-tifla ta' Leli Cini qaltlu li dawk tal-Gvern, u jħallsu l-kera' fis-sena u hi tigbor

t'hemm kollha, allura kompla li dawn m'humiex privati. L-art kollha tagħhom jew is-Salini biss? Staqsa. Is-Sur G Vella tenna li dawn in-nies qegħdin ikaxxkru saqajhom apposta, u huma lesti li jsejħu *press conference* jekk ma' jkollhomx risposta fi żmien għaxart ijiem. Is-Sur B. Azzopardi qal li jekk ma jiġrix xi ħaġa se jkollu jkeċċi n-nies jew jagħlaq. Is-Sur Nicky Saliba tenna li l-għada stess il-Kunsill se jibgħatilhom għal-laqgħa. Is-Sur G Vella staqsa jekk huma privati, dawn lesti li jagħtuna rċevuta tal-VAT? Is-Sur B. Azzopardi qal li huwa tkellem mas- Sur James Piscopo minn tal-Lands, u rrispondihom if asking for payment is not acceptable, if not illegal. Is-Sindku reġa tenna li l-Kunsill se jitlob għall-kuntratti, jintwerew lil-Avukat tal-Kunsill u nimxu minn hemm. Is- Sur P. Bugeja staqsa għalhiex hu ilu Għawdex mill-1981, u ħadd qatt ma qallu xi ħaġa fuq hemm? Hu kompla billi qal li l-komun rabba l-ġust – ħadd qatt ma tkellem. Hu kompla billi qal li s-Sur Victor Axiaq qatt ma qallu xejn. Huma qalu li se jiġġielduha sa' l-aħħar, imma min-naħħa l-oħra ma' jridu problemi ma' ħadd. Is-Sur G Vella staqsa jekk din il-persuna ta' l-Awstralja qalet li jekk jidħlu hemm, tirrapporta lil pulizijia, għalfejn ma tippreżentax il-karti? Hu rrisponda li m'għandhom xejn f'idejhom imma hemm min jilqalgħhom minn fuq. Is-Sindku wieġeb li bħala Kunsill qed jiġu applikazzjonijet ta' divertiment fiż-żona tas-Salini u qed ikollu problema jekk joħroġx il-permessi meħtieġa minħabba din il-kwistjoni li ilha ġejja. Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti tal-Kunsill li tissejjaħ laqgħa b'urġenza fl-1 ta' Lulju 2020, biex tiġi diskussa din l-issue mas-sidien flimkien ma' l-Avukat tal-Kunsill Dr Mario Scerri.

## 15.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 12/2020 għall-perjodu bejn it-23 ta' Mejju 2020 u s-19 ta' Ġunju 2020 li tammonta għal €36,727.26 ġiet approvata u ffirmata.

## 15.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 21 ta' Lulju 2020 fil-5.15 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta, 21 ta' Lulju 2020.

Nicky Saliba
Sindku

Neville Galea
Segretarju Eżekuttiv